ISSN 1830-513X

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

# KESE info

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**
pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili
Diċembru 2015 | MT



## EDITORJAL

Hekk kif din l-edizzjoni hija ħafna minnha ddedikata għall-influss ta' refuġjati fl-Ewropa u l-faqar, se niddedika għalihom ukoll dan l-ewwel editorjal li qed nikteb bħala President tal-Kumitat.

Qed niffaċċjaw, minn naħa, kriżi umanitarja, bil-ħtieġa li r-refuġjati jintlaqgħu b'mod diċenti u, min-naħa l-oħra, aggravament tal-biża' fil-faqar.

Bħal ħafna Ewropej, ninsab emozzjonat u ddisgustat mis-sitwazzjoni tat-tnejn li huma. Ma niflaħx il-fatt li bnedmin qed jiġu mġiegħla jħallu kollox, anke b'riskju għal ħajjithom, minħabba l-vjolenza, il-gwerra, it-tirannija jew il-miżerja, irrispettivament mill-pajjiż. Misshom jistħu dawk li jikkawżaw jew jinkoraġġixxu dawn l-eżilji jew li jkollhom kwalunkwe rwol f'dan u, għall-kuntrarju ta' dan, nifraħ lil dawk li, partikolarment fis-soċjetà ċivili tagħna, qed jippruvaw itaffu t-tbatija jew itemmu dan.

U l-Ewropa tagħna, li tkompli tirrappreżenta tama għall-paċi, id-demokrazija u anke għas-sopravivenza għal dawk li m'għandhom xejn, għandha fi ħdanha stess numru tal-biża', u li sfortuntament qed jikber, ta' ċittadini li jgħixu fil-faqar u fil-privazzjoni. Dan ukoll jeħtieġ li jieqaf.

Dwar dawn iż-żewġ temi, il-Kumitat tagħna diġà ħareġ ċertu numru ta' opinjonijiet, u wasal iż-żmien li dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għalina jsegwuhom, iżda x-xogħol tiegħu għadu ma spiċċax, xejn affattu.

Ninsab ferħan li pproponejt li l-"Premju għas-Soċjetà Ċivili", din is-sena, jippremja atturi tas-soċjetà ċivili li huma attivi fil-ġlieda kontra l-faqar, u li kelli l-approvazzjoni tal-kollegi tiegħi fuq dan il-punt. Ninsab ferħan ukoll li dawn aċċettaw li jnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż relatati sabiex jiżdied in-numru ta' premjijiet mogħtija. Jien kburi li kelli l-unur li mmexxi korp Ewropew li jagħmel dan, għaliex huwa r-rwol tiegħu wkoll li jniedi, f'isem is-soċjetà ċivili Ewropea u l-organizzazzjonijiet tagħha, messaġġi ta' solidarjetà u għajnuna.

**Georges Dassis**
President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Brussell, 3 ta' Novembru 2015

Għeżież kollegi,

Fil-ħin li qed nikteb dawn il-linji, kulħadd jinsab milqut minn dak li ġara f'Pariġi l-Ġimgħa filgħaxija. F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, immedjatament ħejjejt u ppubblikajt fuq il-websajt tal-Kumitat dikjarazzjoni li xtaqt nagħmel f'isem il-membri tal-Kumitat tagħna biex, bil-qawwa kollha, ngħidu li s-soċjetà ċivili Ewropea kollha tinsab f'solidarjetà mal-poplu Franċiż u profondament ixxukkjata bl-atti terribbli ta' persuni despikabbli.

It-test ta' din id-dikjarazzjoni jinsab hawnhekk:
http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.news&itemCode=37465

Għamilt dan mingħajr dewmien, nhar is-Sibt filgħodu, għaliex nemmen li huwa d-dmir tiegħi u li intom eleġġejtuni anke għal dan, imma issa rrid li l-kelma tkun tagħkom u nixtieq li l-Kumitat tagħna, waqt assemblea plenarja, jadotta formalment riżoluzzjoni.

**Georges Dassis**
Brussell, 17 ta' Novembru 2015

## F'DIN IL-ĦARĠA


**2** Ozark Henry maħtur bħala Ambaxxatur ta' Rieda Tajba tan-NU għall-Belġju kontra t-traffikar tal-bnedmin. Il-KESE ospita ċ-ċerimonja

**3** L-armonizzazzjoni tal-progress: Il-President tal-KESE jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-Kumitat matul il-mandat tiegħu

**4** L-istruttura l-ġdida tal-KESE

**6** Il-Presidenti tal-Gruppi jippreżentaw il-prijoritajiet tagħhom

**7** Semma' leħnek dwar is-7 Programm Qafas

**8** UE-Afrika: is-soċjetà ċivili hija lesta li tikkoopera dwar il-kriżi tar-refuġjati


## DATI GĦAD-DJARJU

**20-21 ta' Jannar 2016/ KESE, Brussell,**
sessjoni plenarja tal-KESE

## Ninsabu magħqudin

*Stqarrija mill-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-attakki terroristiċi li seħħew f'Pariġi fit-13 ta' Novembru 2015*

F'isem il-kollegi kollha tiegħi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet ewlenin kollha ta' min iħaddem, it-trejdjunjins u ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej, nesprimi r-rabja tagħna u t-tmeżmiż assolut tagħna kontra l-attakki kodardi u brutali mwettqa f'Pariġi l-lejl li għadda.

Il-vittmi, qrabathom, il-poplu ta' Franza u l-istituzzjonijiet tagħha jinsabu fi ħsibijietna, u nagħtuhom is-solidarjetà sħiħa tagħna.

Dawn il-qattiela mimlijin mibegħda, stupidi, vili u despikabbli attakkaw il-poplu, id-demokrazija u l-valuri fundamentali tar-Repubblika Franċiża. B'hekk, huma attakkaw il-popli, id-demokrazija u l-valuri fundamentali tal-Ewropea, għax huma l-istess. Mhumiex se joħorġu rebbieħa. Mhux se jdgħajfuna. Ma huma se jilħqu l-ebda wieħed mill-għanijiet tagħhom: l-għaqda tagħna madwar il-valuri tad-demokrazija Ewropea, li għalihom ir-Repubblika Franċiża ħadmet ħafna, se tkompli tissaħħaħ.



© Frederic Legrand – COMEO / Shutterstock.com

Se nkun ċar: is-soċjetà ċivili organizzata Ewropea kollha hija magħquda kontrihom, mal-poplu ta' Franza: dan ifisser l-organizzazzjonijiet kollha ta' min iħaddem, it-trejdjunjins u ċ-ċittadini tal-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea.

**Georges Dassis**
President
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

## Is-soċjetà ċivili Ewropea tindirizza l-kriżi tal-migrazzjoni

Minkejja r-riskji u t-tbatija li jiffaċċjaw il-migranti u r-refuġjati, l-UE qed tesperjenza flussi migratorji dejjem ikbar. Il-kontribut tal-KESE jindirizza kemm il-prijoritajiet fil-perjodu qasir kif ukoll it-tentattivi sabiex jinstabu soluzzjonijiet sostenibbli u komprensivi. L-approċċ triplu tiegħu jinvolvi l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti, l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol, u żjarat fiċ-ċentri ta' akkoljenza fuq il-post.



© Stefano Mallia

Il-membri tal-KESE Stefano Mallia u Cristian Pirvulescu fiċ-Ċentru tas-Salib Aħmar fi Sqallija

### Seduta pubblika dwar il-pjan ta' azzjoni kontra t-traffikar tal-migranti

Fit-12 ta' Ottubru, il-KESE organizza seduta pubblika fil-kuntest tal-Opinjoni tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar tal-Migranti (2015-2020). L-avveniment kien ippresedut mir-relatur tal-KESE, Brenda King (Grupp ta' Min Iħaddem, UK), u ta lill-KESE l-opportunità li jiġbor għarfien mill-partijiet interessati, inkluż l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità. "Il-kriżi tar-refuġjati hija sfida globali li l-pajjiżi individwali ma jistgħux jindirizzaw waħedhom. Il-KESE jappoġġja l-ġlieda kontra dawk li jiffaċilitaw id-dħul klandestin u l-kriminalità organizzata kemm fi ħdan l-UE kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha. Madankollu, huwa jirrakkomanda bis-sħiħ l-għoti ta' mezzi legali u sikuri għall-migrazzjoni u l-mobbiltà fl-UE, peress li dan huwa l-aktar mod effettiv biex tiġi żgurata s-sigurtà fil-fruntieri tal-UE u tiġi eliminata d-domanda għas-servizzi tat-traffikanti."

### Żjara fi Sqallija

Bejn it-12 u l-14 ta' Ottubru, ir-relaturi tal-Opinjoni tal-KESE dwar l-Aġenda tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni (Stefano Mallia, Grupp ta' Min Iħaddem, Malta, u Cristian Pîrvulescu, Grupp ta' Interessi Varji, Rumanija) żaru Sqallija, fejn kellhom diversi laqgħat mal-partijiet interessati li jieħdu ħsieb il-wasla massiva ta' migranti u refuġjati fuq il-gżira.

>>> paġna 2

## Waqt li onorat il-veri ċampjins tal-ġlieda kontra l-faqar, is-soċjetà ċivili Ewropea tgħid li wasal iż-żmien li nieħdu pożizzjoni kontra l-faqar fl-Unjoni Ewropea

Organizzazzjonijiet fil-livell lokali u jaħdmu biex itaffu l-faqar fil-**Ġermanja, l-Irlanda, Franza, il-Polonja u l-Finlandja** juru l-mod kif jipprovdu assistenza diretta lil dawk fil-bżonn. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddedika l-Premju 2015 għas-Soċjetà Ċivili Ewropea lill-organizzazzjonijiet li jiddistingwixxu lilhom infushom permezz tal-kreattività u s-suċċess tagħhom fil-ġlieda kontra l-faqar.

Ħames proġetti b'firxa wiesgħa u ta' livell għoli ħafna ntgħażlu minn lista ta' aktar minn 100 proġett:

- **Armut und Gesundheit** (il-Ġermanja) tipprovdi kura medika komprensiva lill-persuni mingħajr dar, klinika fejn il-pazjenti mingħajr assigurazzjoni tas-saħħa f'sitwazzjonijiet instabbli jistgħu jaqbdu u jmorru u diversi inizjattivi oħra. Proġett wieħed, "Street Jumper", jippromovi wkoll saħħa tajba fost it-tfal u ż-żgħażagħ minn ambjenti mċaħħda.
- **Fáilte Isteach,** inizjattiva tat-**Tielet Età** (l-Irlanda), hija proġett ibbażat fuq il-komunità fejn voluntiera anzjani jilqgħu l-migranti u r-refuġjati fl-Irlanda billi jagħtuhom klassijiet ta' konversazzjoni bl-Ingliż. Kull ġimgħa,



L-assessuri esperti tal-Premju għas-Soċjetà Ċivili: Maureen O'Neill, eks membru tal-KESE u President tas-Sezzjoni SOC, Jean Lambert, MEP, Anne Van Lancker, politiku Belġjana u eks MEP, Julius op de Beke, uffiċjal tal-politika f'DĠ EMPL, jirrappreżenta lil Stefan Olsson, Kummissjoni Ewropea

>>> paġna 2

www.eesc.europa.eu

# Ozark Henry maħtur bħala Ambaxxatur ta' Rieda Tajba tan-NU għall-Belġju kontra t-traffikar tal-bnedmin

## Il-KESE ospita ċ-ċerimonja

Fil-21 ta' Ottubru 2015, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), fil-preżenza ta' Georges Dassis, il-President tal-KESE, ħatar lill-mużiċist Belġjan magħruf sew **Ozark Henry** bħala l-Ambaxxatur ta' Rieda Tajba Nazzjonali ġdid tiegħu kontra t-traffikar tal-bnedmin. Din il-ħatra hija maħsuba biex tiġbed l-attenzjoni għat-traffikar tal-bnedmin u biex tgħin fil-mobilizzazzjoni tal-appoġġ fil-Belġju għall-isforzi biex jiġġilduh.



Ozark Henry waqt iċ-ċerimonja tan-nomina fil-KESE

Kull sena fl-Ewropa aktar minn 10 000 persuna jisfaw vittma tat-traffikar tal-bnedmin. Għal **Georges Dassis, President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,** "dan l-iskjavitù taż-żminijiet moderni hija skandlu u reat kontra s-soċjetà ċivili. Il-ħatra ta' Ozark Henry bħala Ambaxxatur ta' Rieda Tajba tan-NU huwa aħbar tajba għall-Belġju u għall-Ewropa, peress li se tqajjem kuxjenza u ġġiegħel lil ħafna jieħdu azzjoni. Niggarantixxi li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili se jappoġġaw lil Ozark Henry peress li jinsabu f'pożizzjoni ideali biex jgħinu fl-identifikazzjoni tal-vittmi u biex jaħdmu b'mod attiv fuq il-prevenzjoni. Tistgħu toqogħdu fuqna bħala msieħeb ewlieni fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin."

Meta tkellem dwar il-ħatra tiegħu, **Ozark Henry** spjega: "Hemm ħafna vittmi ta' traffikar tal-bnedmin hemm barra. Sempliċement ma narawhomx jew ma rridux narawhom. Mit-tfal li jiġu sfurzati jittalbu fit-toroq għal dawk li jiġu sfurzati jaħdmu bħala ħaddiema fl-industrija tas-sess jew jaħdmu illegalment fi sweatshops. Aħna ngħixu kuntenti fid-dinjiet żgħar tagħna, fejn ngħixu ħajjitna ta' kuljum. Ħassejt li wasal iż-żmien li tittieħed azzjoni u li nippruvaw nagħmlu xi ħaġa dwar din il-kwistjoni u nagħmlu differenza fis-sensibilizzazzjoni u l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet li qed jaħdmu fil-ġlieda kontra dan ir-reat."

**Jean-Luc Lemahieu, id-Direttur għall-Affarijiet Pubbliċi tal-UNODC**, irringrazzja lill-KESE għall-isforzi tal-membri tiegħu biex jappoġġaw il-ġlieda kontra t-traffikar billi ppreżentaw opinjonijiet sostanzjali u influwenti, u laqa' r-rwol il-ġdid ta' Ozark Henry fil-Belġju. F'isem il-Belġju, id-**Deputat Direttur Ġenerali għall-Affarijiet Multilaterali fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, Werner Bauwens**, faħħar il-ħidma prattika li saret min-NU u evoka t-tmexxija tal-Belġju fil-ġlieda kontra t-traffikar. (cad)

# Il-faċilitajiet ta' finanzjament adatti għall-intrapriżi huma prerekwiżit ċentrali għat-tkabbir ekonomiku

## Il-KESE jappoġġja l-mikrofinanzjament bħala għodda b'saħħitha fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali



Il-President tal-KESE Georges Dassis u l-Maestà tagħha r-Reġina Mathilde tal-Belġju

Il-mikrofinanzjament ikopri firxa ta' servizzi finanzjarji għall-persuni li tradizzjonalment ma jkunux jistgħu jingħataw finanzjament mill-banek, prinċipalment minħabba li m'għandhomx il-garanziji li jistgħu jipproteġu istituzzjoni finanzjarja kontra r-riskju ta' telf.

Filwaqt li l-mikrofinanzjament jagħmel enfasi fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, jingħata wkoll lil dawk li jissellfu fl-UE. **L-ewwel Jum Ewropew tal-Mikrofinanzjament** fid-19 u l-20 ta' Ottubru 2015 kien koorganizzat mill-KESE għas-sensibilizzazzjoni dwar il-mikrofinanzjament bħala għodda fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-qgħad fl-UE. Fil-preżenza tal-**Maestà Tagħha r-Reġina Mathilde tal-Belġju** u tal-**Kummissarju Marianne Thyssen**, il-President tas-Sezzjoni tal-KESE għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, **Joost van Iersel**, enfasizza l-importanza tat-tisħiħ tal-kompetittività, l-iżvilupp sostenibbli u l-inklużjoni soċjali fl-UE: "Fl-Istati Membri hemm ostakli konsiderevoli għall-iżvilupp tal-mikrofinanzjament. Il-kundizzjonijiet qafas għall-mikrofinanzjament għandhom jittejbu", qal lil dawk responsabbli għat-tfassil tal-politika fl-UE.

Tabilħaqq, il-mikrofinanzjament fl-Ewropa qed jiżviluppa b'mod mgħaġġel f'għodda rilevanti biex titnaqqas l-esklużjoni soċjali u finanzjarja billi jingħataw servizzi finanzjarji (mikrokreditu, mikroassigurazzjoni, eċċ) u mhux finanzjarji (taħriġ, mentoring, eċċ).

Il-KESE ħadem dwar din il-kwistjoni u jinsab konvint li l-mikrofinanzjament huwa mod kif jiġi appoġġjat l-intraprenditorjat u jinħolqu impjiegi ġodda fil-mikrointrapriżi. Sabiex jitnaqqsu l-kumplessità u l-ispejjeż marbutin mal-mikrokreditu, il-KESE jipproponi, minn naħa, li jiġu żviluppati servizzi standardizzati ta' teknoloġija ta' livell għoli u, min-naħa l-oħra, jiġu provduti garanziji u kofinanzjament.

Skont il-KESE, ir-rivoluzzjoni vera tal-mikrofinanzjament hija l-fatt li, permezz tal-attivitajiet ta' intermedjazzjoni, jagħti possibbiltà lill-persuni esklużi mis-suq finanzjarju u jipprovdi mezzi lill-persuni biex ikunu jistgħu jwettqu l-proġetti tagħhom bir-riżorsi tagħhom stess, u b'hekk jevitaw l-assistenza, is-sussidji u d-dipendenza. (mm)

Ikompli ma' paġna 1

## Is-soċjetà ċivili Ewropea tindirizza l-kriżi tal-migrazzjoni

Il-laqgħat mas-Salib l-Aħmar, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, l-Uffiċċju tat-Task Force Reġjonali tal-UE li jappoġġja l-funzjonament tal-"hotspots", iċ-ċentru ta' akkoljenza f'Pozzallo, u l-NGOs bħall-Caritas, Centro Astalli u Comunità di Sant'Egidio ħarġu fid-dieher id-differenza kbira bejn is-sitwazzjoni fuq il-karta u fir-realtà.

Stefano Mallia stqarr: "L-isfida hija biex tittieħed deċiżjoni fi żmien 24 siegħa jekk migrant jistax japplika għall-protezzjoni. Dawk li mhumiex meqjusa li jeħtieġu protezzjoni jew jintbagħtu lura – jekk ikunu ġejjin minn pajjiż li għandu ftehim ta' bgħit lura (eż it-Tuneżija) – jew jintalbu jitilqu mill-Italja fi żmien 7 ijiem u jispiċċaw bla saqaf fuq rashom. Huwa ċar li dan iwassal għal numru ta' problemi."

Aktar finanzjament jippermetti lill-NGOs biex iisiru aktar professjonali, filwaqt li koordinazzjoni aħjar mill-partijiet interessati tista' tipprevjeni li l-persuni jisfaw vittma tal-lakuni tas-sistema. Għandha tingħata aktar attenzjoni lill-proċess ta' integrazzjoni.

Ikompli ma' paġna 1

## Waqt li onorat il-veri ċampjins tal-ġlieda kontra l-faqar, is-soċjetà ċivili Ewropea tgħid li wasal iż-żmien li nieħdu pożizzjoni kontra l-faqar fl-Unjoni Ewropea




Il-KESE: impenjat biex inaqqas il-faqar fl-Ewropa

aktar minn 2 200 student – migranti, persuni li jfittxu l-ażil u refuġjati – jibbenefikaw mit-tagħlim mogħti minn aktar minn 750 voluntier.

- **Uniterres**, inizjattiva ta' **A.N.D.E.S.** (Franza) tipprovdi lill-ħwienet tal-ikel soċjali u solidali prodotti friski, lokali u ta' kwalità minn produtturi lokali ta' frott, ħaxix, ħwawar u bajd. Dawn il-prodotti huma disponibbli għall-persuni vulnerabbli u l-benefiċjarji tal-għajnuna alimentari fil-ħwienet tal-ikel soċjali u solidali fuq bażi ta' self-service, b'mhux iktar minn 30 % tal-prezz tax-xiri tagħhom. Uniterres attwalment tappoġġja 124 bidwi fir-reġjuni ta' Poitou-Charentes, Aquitaine, Midi-Pyrénées u Brittany, tagħti provvista lil 53 ħanut soċjali u solidali u tipprovdi għajnuna alimentari lil 20 000 benefiċjarju kull sena.
- **Iċ-Ċentri ta' Integrazzjoni Soċjali**, li huma inizjattiva tal-**Fondazzjoni Barka għall-Għajnuna Reċiproka** (il-Polonja), jindirizzaw kwistjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali għal individwi li ilhom qiegħda għal perjodu twil, inklużi l-persuni b'diżabilità, dawk li kienu l-ħabs, refuġjati u persuni b'vizzji. Iċ-Ċentri ta' Integrazzjoni Soċjali jorganizzaw workshops għar-rikwalifikazzjoni professjonali, korsijiet edukattivi u gruppi ta' appoġġ.
- **Y-Foundation (il-Finlandja)** tippromovi s-saħħa u l-benesseri soċjali billi tipprovdi djar b'kera affordabbli u ta' kwalità tajba waqt li jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem ta' persuni li jkollhom diffikultà biex isibu akkomodazzjoni fis-suq miftuħ tad-djar. Il-gruppi ewlenin li jibbenefikaw minn dawn l-isforzi huma l-persuni bla dar u l-persuni f'riskju li jispiċċaw mingħajr dar. Y-Foundation żviluppat u appoġġjat ukoll akkomodazzjoni għal żgħażagħ u persuni li jsofru minn problemi relatati mas-saħħa mentali jew vizzji.

L-MEP Jean Lambert, wieħed mill-erba' assessuri, stqarr li "Dak li nistgħu narawhu li hemm firxa ta' kwistjonijiet li qegħdin jiġbdu dejjem aktar attenzjoni – kwistjonijiet relatati mal-persuni mingħajr dar jew mal-ikel. Xi wħud minnhom kienu pjuttost xokkanti, għax juru li għadna qed infallu milli nissodisfaw il-bżonnijiet bażiċi tal-bniedem kif ukoll id-drittijiet tal-bniedem."

Il-ġurija tal-Premju għas-Soċjetà Ċivili kienet magħmula mill-President tal-KESE, iż-żewġ Viċi Presidenti, il-President tal-Grupp ta' Min Iħaddem, il-President tal-Grupp ta' Interessi Varji, membru tal-Grupp tal-Ħaddiema, u s-Segretarju Ġenerali tal-KESE.

Il-ġurija għażlet il-ħames rebbieħa abbażi ta' lista qasira ta' ħdax, li tħejjiet minn panel estern ta' esperti magħmul minn erba' membri.

Il-ħames proġetti rebbieħa se jaqsmu l-premju ta' EUR 50 000 bl-intenzjoni li din is-somma flus terġa' tiġi investita fi proġetti li jipprovdu aktar kura fil-komunità. (sg)

# Is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp 2015 fil-KESE – minn idea inizjali għal seminar iddedikat

Il-KESE mhux biss ħareġ bl-idea tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp 2015, iżda kkontribwixxa wkoll għas-suċċess tagħha. Matul is-sena ġew organizzati bosta inizjattivi mfassla biex jilħqu udjenza usa' – gruppi tan-negozju, trejdjunjins, NGOs – biex jiġi analizzat kif din il-politika tista' tiġi ssemplifikata u kkoordinata b'mod aktar effiċjenti u effettiv.

Is-Sezzjoni tar-Relazzjonijiet Esterni tal-KESE ħadmet mill-qrib ma' pajjiżi li qed jaħdmu biex jiksbu l-għanijiet ta' żvilupp. B'mod partikolari, organizzat **l-14-il Seminar Reġjonali tal-Gruppi ta' Interess Ekonomiku u Soċjali tal-AKP-UE**, fejn ġie rrakkomandat bis-sħiħ qafas ta' konverġenza għall-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) iffukat fuq l-eradikazzjoni tal-faqar u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Matul **il-laqgħa tan-netwerk tal-ECOSOC UE-Afrika**, il-KESE saħaq li l-Fond fiduċjarju ta' emerġenza tal-UE għall-Afrika, offrut mill-UE fis-Summit tal-Belt Valletta, għandu jiġi ġestit b'mod trasparenti u li għandu jkun ibbażat fuq l-SDGs u mmonitorjat b'rabta magħhom, bħala parti minn sħubija ġenwina bejn il-pajjiżi.

Hekk kif l-2015 qorbot lejn tmiemha, id-Dipartiment tal-Komunikazzjoni tal-KESE organizza Seminar dwar il-mezzi tax-xandir tas-soċjetà ċivili 2015 fil-Lussemburgu, li ffoka fuq l-isfidi tal-komunikazzjoni dwar il-politika dwar l-iżvilupp. Dan sar mis-26 sas-27 ta' Novembru u għalih attendew uffiċjali tal-komunikazzjoni minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ġurnalisti, studenti u akkademiċi minn madwar l-UE. Ġew organizzati tliet panels interessanti – l-ewwel wieħed iffoka fuq il-kampanja ta' komunikazzjoni tas-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, it-tieni indirizza r-rwol tas-soċjetà ċivili u l-midja u t-tielet indirizza l-komunikazzjoni dwar l-SDGs. Il-membri tal-KESE u kelliema distinti miċ-Ċentru għall-Informazzjoni Reġjonali tan-NU, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), id-WWF, il-Welthungerhilfe, l-Aġenzija Svediża għall-Iżvilupp, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Gvern u l-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Lussemburgiżi qasmu l-aħjar prattiki u kellhom diskussjoni ma' madwar 150 mistieden. Aktar informazzjoni dwar dan l-avveniment hija disponibbli fil-paġna web tal-KESE. (sma)




### Seduta pubblika dwar l-integrazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol

Fl-15 ta' Ottubru, saret seduta pubblika fi Brussell dwar l-integrazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol, bi preżentazzjonijiet minn Caritas, il-UNHCR, il-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-Impjiegi Federali Ġermaniża u l-Kummissjoni Internazzjonali Kattolika tal-Migrazzjoni. Fost il-kelliema kien hemm Dr Alizoy Temorshah mill-Afganistan, li ngħata l-istatus ta' refuġjat; huwa spjega kemm kien diffiċli biex jibda attività professjonali fil-Belġju. Fis-seduta ġie konkluż li l-kisba ta' impjieg tista' tħaffef l-integrazzjoni soċjali, tnaqqas id-dipendenza fuq il-benefiċċji soċjali u żżid il-possibbiltà li tinstab akkomodazzjoni deċenti. Ir-refuġjati impjegati jikkontribwixxu għas-sistema tas-sigurtà soċjali u l-infiq tagħhom fuq prodotti tal-konsumatur huwa ta' benefiċċju għall-ekonomija kollha kemm hi. Dan jista' jgħin lill-pajjiżi Ewropej biex jindirizzaw il-kwistjonijiet tat-tnaqqis demografiku, il-popolazzjonijiet li qed jixjieħu u n-nuqqas ta' ħaddiema.

Is-sejbiet kemm mill-missjoni kif ukoll mis-seduta se jikkontribwixxu għall-opinjonijiet li dwarhom se jkun hemm votazzjoni matul is-sessjoni plenarja ta' Diċembru. (mm/dm)

Edizzjoni speċjali

ISSN 1830-513X

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

# KESE info

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
pont bejn l-UE u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili
Diċembru 2015 | MT

# L-armonizzazzjoni tal-progress: Georges Dassis, il-President il-ġdid tal-KESE jistabbilixxi l-prijoritajiet tal-Kumitat matul il-mandat tiegħu

Georges Dassis, li ġie elett b'maġġoranza kbira, huwa l-31 President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, liema istituzzjoni ser imexxi bl-għajnuna taż-żewġ Viċi Presidenti, is-Sur Michael Smyth (Baġit) u s-Sur Gonçalo Lobo Xavier (Komunikazzjoni) mill-2015 sal-2018.

*"Dan il-mandat ser ikun utli għaċ-ċittadini. Ser ikun iddedikat għalihom kompletament. Beħsiebna nimmobilizzaw il-forzi kollha kemm huma tas-soċjetà ċivili bil-għan li nagħmlu l-Unjoni Ewropea attraenti u iżjed preżenti fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej. L-ewwel nett, jeħtieġ li ntaffu l-faqar estrem u ninvestu fl-impjieg taż-żgħażagħ, fi proġetti tal-infrastruttura u fir-riċerka u l-innovazzjoni, u dan irridu nagħmluh fuq skala massiva. L-Ewropa ma għandhiex tkun sinonima ma' ġirja lejn l-iżjed livell baxx, iżda lejn l-iżjed livell għoli. Hi għandha ttejjeb ħajjet iċ-ċittadini kollha tat-Tramuntana, tan-Nofsinhar, tal-Lvant u tal-Punent, u huwa dan li aħna nfissru meta ngħidu l-armonizzazzjoni tal-progress"*, qal is-Sur **Georges Dassis**.

Għalhekk, il-programm tal-President jipprovdi approċċ prattiku ħafna għall-politiki tal-Unjoni Ewropea, ispirat mill-Opinjonijiet adottati mill-Kumitat u indirizzati lill-istituzzjonijiet Ewropej, b'konformità mal-missjoni tal-Kumitat skont it-Trattat. Il-programm ma jassumix li l-Ewropa hija xi ħaġa li ksibna "għal dejjem ta' dejjem", iżda jenfasizza l-kriżi gravi li għaddejja minnha: il-kriżi ekonomika u r-rigressjoni soċjali naqqru b'mod serju l-fiduċja li ċ-ċittadini kellhom fiha. Filwaqt li jappella għal intraprenditorjat, xogħol u solidarjetà, il-programm ikompli jenfasizza l-**koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali** bħala s-sisien ta' Unjoni ġusta u ekwa. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jintużaw strumenti bħad-dħul minimu Ewropew jew it-tassazzjoni.

Il-programm jappoġġja l-pjan ta' investiment għall-Ewropa, u jitlob li jiżdied ma' dan **pjan speċjali ta' investiment** għat-tkabbir u l-impjiegi, u li jiġu adottati miżuri speċifiċi ta' konverġenza ekonomika bħal mekkaniżmu għall-ħruġ konġunt tad-dejn u fond temporanju għall-eurokambjali.

Is-**Suq Uniku Diġitali**, il-ħolqien ta' **Żona Ewropea tat-Trasport** u l-iżvilupp ta' **Unjoni** ġenwina **tal-Enerġija** huma wkoll prijoritajiet għall-President il-ġdid tal-KESE. Dawn ilkoll jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tal-Unjoni, partikolarment fil-konfront tar-restrizzjonijiet tat-tibdil fil-klima, li għandhom jiġu integrati fil-politiki kollha tal-UE.

Fil-programm tiegħu, il-President tenna l-konvinzjoni tiegħu f'**Ewropa b'saħħitha fid-dinja**, li għandha tiddefendi mhux biss l-interessi ekonomiċi tagħha iżda wkoll l-esiġenzi soċjali u ambjentali tagħha. L-Unjoni għandha tilqa' fi ħdanha lil dawk li qed jitolbu l-ażil u timplimenta **politika ġdida dwar il-migrazzjoni**, ibbażata fuq il-prinċipji tas-solidarjetà u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Il-ġlieda kontra t-traffikanti permezz ta' kooperazzjoni msaħħa fost l-Istati Membri għandha tkun parti integrali minnha.

Sabiex jindirizzaw dawn l-isfidi, l-għanijiet u l-emerġenzi, l-Istati Membri għandhom jagħtu wkoll lill-Unjoni Ewropea l-mezzi biex tieħu azzjoni, permezz tal-ħolqien ta' **baġit** li jirrifletti l-ambizzjonijiet tagħha.



Il-President tal-KESE Georges Dassis u l-Viċi Presidenti tal-KESE: Gonçalo Lobo Xavier (xellug) u Michael Smyth (lemin)

## Ewropa ta' progress għal kulħadd

*"Meta onorawni billi eleġġewni bħala President, il-kollegi tiegħi kienu jafu li xorta waħda kont se nkompli dak li dejjem għamilt:*

- *niddefendi, minn naħa, il-valuri fundamentali Ewropej, id-demokrazija, id-djalogu soċjali u ċivili u, b'hekk, is-soċjetà ċivili organizzata u l-Kumitat;*
- *niddefendi, min-naħa l-oħra, l-Unjoni Ewropea stess, għax hija proġett nobbli, kbir, intelliġenti u ġeneruż, indispensabbli għall-paċi u għall-progress, u li, minkejja dan, tiġi attakkata, ħafna drabi tiġi amministrata ħażin u mhijiex protetta mill-agħar affarijiet.*

*Kienu jafu wkoll il-konvinzjoni tiegħi u nemmen li hija tagħhom ukoll: l-Ewropa għandha tiżgura li ċ-ċittadini kollha tagħha jistgħu jaħdmu u jgħixu f'kundizzjonijiet deċenti. L-Unjoni teħtieġ li tikseb mill-ġdid il-fiduċja tagħhom, l-appoġġ tagħhom, l-impenn tagħhom u l-entużjażmu tagħhom. Jeħtieġ li tikseb mill-ġdid l-attraenza li kellha darba, li ħeġġet lil ħafna popli, fosthom tiegħi, li jkunu jixtiequ jaderixxu, għax kienet żona ta' paċi, ta' demokrazija u ta' prosperità.*

*Dan ifisser li trid tieqaf titqies bħala magna indifferenti għan-nies li qed ibatu, bħala entità 'l bogħod u insensittiva, u jeħtieġ li turi fil-prattika lin-nisa u l-irġiel tal-Ewropa li teżisti xi ħaġa li żgur hija iktar importanti mill-bqija, f'dan il-famuż proġett Ewropew: huma stess."*

**Georges Dassis**
President tal-KESE

## Ġestjoni finanzjarja tajba

Ili membru tal-Kumitat mill-2006 u nħossni onorat li ġejt maħtur Viċi President. Is-soċjetà ċivili għandha rwol importanti ħafna x'taqdi fl-Ewropa tal-lum, u l-Kumitat irid jagħmel iżjed biex jiġi żgurat li l-kontribut tas-soċjetà ċivili jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fil-livell Ewropew.

Bħala ekonomista, inħossni partikolarment kuntent li ngħatajt ir-responsabbiltà tal-finanzi tal-Kumitat! Ninsab ħerqan li nikkoopera mill-qrib mal-membri l-oħra tal-Grupp Baġitarju u l-Bureau. Nispera li nkun nista' nuża l-esperjenza tiegħi bħala President ta' fornitur kbir tal-akkomodazzjoni soċjali fl-Irlanda ta' Fuq, il-Habinteg Housing Association, b'mod tajjeb fil-Kumitat. Din l-assoċjazzjoni għandha baġit ta' bejn wieħed u ieħor l-istess daqs bħal dak tal-Kumitat.

Il-prijorità tiegħi hi li nkompli fuq il-ħidma eċċellenti tal-predeċessur tiegħi, Hans-Joachim Wilms, biex nipprepara l-baġit tal-Kumitat, u niżgura li jkun konformi mal-proċess meħtieġ, u biex inkompli u nsaħħaħ il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej u l-Kumitat tar-Reġjuni.

Mil-lat tar-rwol tiegħi fil-Kumitat usa', naħseb li se naraw enfasi akbar fuq il-kwistjonijiet soċjali fil-mandat il-ġdid, b'enfasi partikolari fuq l-hekk imsejħa ġenerazzjoni mitlufa ta' żgħażagħ li f'ħafna modi sfat diżappuntata mill-ġenerazzjoni li nappartjeni għaliha jiena stess. Il-Kumitat tagħna huwa ċertament f'pożizzjoni tajba biex jaqdi rwol prominenti fl-indirizzar tal-problema tal-iskuntentizza u l-aljenazzjoni taż-żgħażagħ.

Mill-bidu tal-kriżi finanzjarja u ekonomika 'l hawn, it-teħid tad-deċiżjonijiet fl-Ewropa sar saħansitra aktar maqtugħ miċ-ċittadini ordinarji. Il-Kumitat għandu verament jassumi r-rwol tiegħu bħala l-pont bejn is-soċjetà ċivili u l-Ewropa b'mod aktar sod. Fis-snin li ġejjin nara ħafna aktar inizjattivi abbażi tal-approċċ "Going Local" u nara lill-membri tagħna jagħmlu iżjed kuntatt mal-komunitajiet lokali tagħhom stess u mal-NGOs u jagħmlu iżjed biex iżidu l-għarfien ta' l-Ewropa hija iżjed milli sempliċement il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill, u li leħinhom jista' jinstema' permezz tagħna.

**Michael Smyth**
Viċi President tal-KESE responsabbli għall-Baġit

## Nikkomunikaw flimkien biex nippromovu l-ħidma tal-Kumitat

Jien naħseb li l-ġenerazzjoni tiegħi hija fortunata ħafna. Aħna nappartjenu għall-hekk imsejħa "Ġenerazzjoni Erasmus", dik li ilha tgħix f'Ewropa pjuttost paċifika u b'opportunità immensa għal aċċess għall-għarfien u l-kondiviżjoni ta' l-kultura. Din l-esperjenza tat kontribut kbir biex inħossni Ewropew ta' veru.

Nixtieq ngħidu xi ħaġa lura lill-Ewropa. Għalhekk iddeċidejt li niddedika l-Viċi Presidenza tiegħi tal-KESE għall-futur tal-Ewropa. Huwa għalhekk li l-ambizzjoni tiegħi, bħala l-Viċi President tal-KESE li għadu kemm ġie elett inkarigat mill-komunikazzjoni, huwa li nippromovi l-valur miżjud tal-Kumitat tagħna u l-kontribut tal-ħidma tal-membri lejn il-proċess kontinwu tal-kostruzzjoni Ewropea. Minflok nikkomunikaw dwar ir-rwol istituzzjonali u l-konfigurazzjoni tal-KESE, aħna se nikkomunikaw dwar il-ħidma tagħna u r-riżultati – u kif aħna nirriflettu l-preokkupazzjonijiet reali taċ-ċittadini tal-UE u nindirizzaw kwistjonijiet reali. Għandna nispjegaw lill-popli Ewropej kif nagħmlu differenza.

Iżda l-membri huma l-ewwel li jammettu li aħna ma nistgħux nikkomunikaw dwar kollox. Jekk aħna nikkomunikaw dwar kollox, mela mbagħad xejn ma jkun importanti. Jeħtieġ li nagħżlu u nipprijoritizzaw sabiex inkunu aktar effettivi u niksbu riżultati aħjar.

Għandna niffukaw fuq kwistjonijiet ta' tfassil ta' politika li jingħaqdu flimkien ma' dak li huwa verament importanti għan-nies ordinarji. U jeħtieġ li nkunu konkreti, b'fatti u mhux retorika. Huwa għalhekk li qegħdin hawn: biex nirrappreżentaw is-soċjetà ċivili organizzata, bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi kollha tagħha.

Jiena nemmen li t-tiġdid tal-KESE b'40 % mill-membri jkunu membri ġodda huwa sfida iżda wkoll opportunità. Huma se jġibu ideat ġodda u spirtu ġdid lill-Kumitat. Għalhekk, l-isfida immedjata hija li nibdew b'ħidmietna malajr u ngħinu nżidu l-għarfien tal-membri l-ġodda dwar l-objettivi tal-KESE. Mill-perspettiva tal-komunikazzjoni, dik hija opportunità.

Jiena tassew nemmen li kull membru għandu responsabbiltà għall-komunikazzjoni. Il-prestazzjoni u l-kapaċità tagħhom li jagħixxu bħala mudelli eżemplari għandhom potenzjal kbir.

>>> paġna 6

# Struttura ġdida tal-K

## PRESIDENZA

*Il-Presidenza tal-KESE hija magħmla minn President u żewġ Viċi Presidenti b'mandat ta' sentejn u nofs.*



**President**
**Georges Dassis**
*(Grupp II – Ħaddiema – Greċja)*



**Viċi President**
**Michael Smyth**
*(Group III – Interessi Varji – Renju Unit)*
*President tal-Grupp Baġitarju*



**Viċi President**
**Gonçalo Lobo Xavier**
*(Grupp I – Min Iħaddem – Portugall)*
*President tal-Grupp tal-Komunikazzjoni*

## GRUPPI

*Il-KESE huwa maqsum fi tliet gruppi: Min Iħaddem, Impjegati u Interessi Varji*



### Grupp I – Min Iħaddem

*President*
Jacek Krawczyk
*Polonja*

**Viċi Presidenti tal-Grupp**

Milena Angelova
Paulo Barros Vale
Stéphane Buffetaut
Peter Clever
Vladimíra Drbalová
Violeta Jelić
Stefano Mallia
Thomas McDonough
Maurizio Reale
Erik Svensson



### Grupp II – Ħaddiema

*President*
Gabriele Bischoff
*Ġermanja*

**Viċi Presidenti tal-Grupp**

Andrzej Adamczyk
Cinzia Del Rio
Anne Demelenne
Plamen Dimitrov
Bernt Fallenkamp
Wolfgang Greif
Judy McKnight
Denis Meynent
José María Zufiaur



### Grupp III – Interessi Varji

*President*
Luca Jahier
*Italja*

**Viċi Presidenti tal-Grupp**

Benedicte Federspiel
Mindaugas Maciulevičius
Arno Metzler
Ariane Rodert
Ioannis Vardakastanis

## BUREAU

*Il-Bureau jorganizza l-attivitajiet u l-proċeduri tal-Kumitat. Huwa magħmul minn 39 membru, inklużi l-President u ż-żewġ Viċi Presidenti. Għal ċerti kwistjonijiet speċifiċi, il-Bureau huwa megħjun minn gruppi ad hoc.*



| Grupp ta' Min Iħaddem | Grupp tal-Ħaddiema | Grupp ta' Interessi Varji |
|---|---|---|
| Daniel Mareels | Oliver Röpke | Ronny Lannoo |
| Manthos Mavrommatis | Lucie Studničná | Dilyana Slavova |
| Bernd Dittmann | Gabriele Bischoff | Pavel Trantina |
| Dorthe Andersen | Georges Dassis | Arno Metzler |
| Reet Teder | Pierre Jean Coulon | Miguel Ángel Cabra de Luna |
| Patricia Cirez Miqueleiz | Stefano Palmieri | Reine-Claude Mader |
| Tellervo Kyla-Harakka-Ruonala | Daiva Kvedaraitė | Ákos Topolánszky |
| Dragica Martinović Džamonja | Raymond Hencks | Luca Jahier |
| David Croughan | Charles Vella | Gunta Anča |
| Joost van Iersel | Martin Siecker | Krzysztof Balon |
| Jacek Krawczyk | Ellen Paula Nygren | Cristian Pîrvulescu |
| Gonçalo Lobo Xavier | Andrej Zorko | Ariane Rodert |
| Brendan Burns | Emil Machyna | Michael Smyth |

## ASSEMBLEA PLENARJA

*Il-Kumitat jadotta l-opinjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi u jressaqhom quddiem il-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew. Il-Kumitat għandu 350 membru.*



# ESE għall-2015-2018

*Il-Kumitat huwa magħmul minn sitt Sezzjonijiet Speċjalizzati, kif ukoll mill-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI), l-Osservatorju tas-Suq Uniku (SMO), l-Osservatorju tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDO), l-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol (LMO) u l-Kumitat ta' Tmexxija tal-Ewropa 2020.*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni (TEN)



*President*
**Pierre Jean Coulon**
*Grupp tal-Ħaddiema*
*Franza*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għar-Relazzjonijiet Esterni (REX)



*President*
**Dilyana Slavova**
*Grupp ta' Interessi Varji*
*Bulgarija*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali (ECO)



*President*
**Joost van Iersel**
*Grupp ta' Min Iħaddem*
*Netherlands*

Is-Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent (NAT)



*President*
**Brendan Burns**
*Grupp ta' Min Iħaddem*
*Renju Unit*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum (INT)



*President*
**Martin Siecker**
*Grupp tal-Ħaddiema*
*Netherlands*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza (SOC)



*President*
**Pavel Trantina**
*Grupp ta' Interessi Varji*
*Repubblika Ċeka*

L-Osservatorju tal-Iżvilupp Sostenibbli (SDO)



*President*
**Brenda King**
*Grupp ta' Min Iħaddem*
*Renju Unit*

L-Osservatorju tas-Suq Uniku (SMO)



*President*
**Pedro Almeida Freire**
*Grupp ta' Min Iħaddem*
*Portugall*

L-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol (LMO)



*President*
**Carlos Manuel Trindade**
*Grupp tal-Ħaddiema*
*Portugall*

Il-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI)



*President*
**Lucie Studničná**
*Grupp tal-Ħaddiema*
*Repubblika Ċeka*

Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-Ewropa 2020



*President*
**Etele Baráth**
*Grupp ta' Interessi Varji*
*Ungerija*

## KWESTURI



**Antonello Pezzini**
*Grupp ta' Min Iħaddem*
*Italja*



**Laure Batut**
*Grupp tal-Ħaddiema*
*Franza*



**Bernardo Hernández Bataller**
*Grupp ta' Interessi Varji*
*Spanja*

*Segretarju Ġenerali*
**Luis Planas**



# Il-prijoritajiet tal-Grupp ta' Min Iħaddem: tkabbir u impjiegi sodi, stabbli u sostenibbli għan-negozju u s-soċjetà li fiha jopera



Il-Grupp ta' Min Iħaddem

Il-Grupp ta' Min Iħaddem se jkompli jappoġġja t-tkabbir u l-impjiegi għall-benefiċċju tan-negozju u s-soċjetà li fiha jopera. Attwalment qed naħdmu fuq il-prijoritajiet tagħna (li għandhom jiġu approvati mill-Grupp), li jaqgħu taħt 6 intestaturi ewlenin:

- **Ambjent makroekonomiku stabbli** bħala prerekwiżit għal tkabbir sod, sostenibbli u stabbli. **Huwa essenzjali li l-Istati Membri jwettqu riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir fil-qafas tas-Semestru Ewropew u jirrispettaw ir-responsabbiltà finanzjarja**;
- L-inkoraġġiment ta' kultura aktar b'saħħitha ta' **intraprenditorjat** fl-Ewropa: biex tiffaċilita l-ħolqien u t-tkabbir tan-negozju, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom itejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-intraprenditorjat;
- **L-ikkompletar tas-Suq Intern tal-UE**, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tan-negozju bil-għan li naslu għal effiċjenzi akbar, regolamentazzjoni aħjar u spejjeż imnaqqsa b'mod sinifikanti;
- **It-tħeġġiġ ta' politika industrijali kompetittiva, integrata bis-sħiħ u li tħares 'il quddiem** biex tiġi żgurata bażi industrijali b'saħħitha, soda u kompetittiva fl-Ewropa;
- **Il-bini (mill-ġdid) tar-rwol tal-Ewropa fid-dinja,** bil-għan li jiġi appoġġjat il-kummerċ ħieles għall-benefiċċju tan-negozju u l-klijenti tiegħu;
- **Kompetittività għal aktar impjiegi biex tiġi ssalvagwardjata d-dimensjoni soċjali tal-UE:** billi tiffoka fuq il-kompetittività u t-tisħiħ tat-tkabbir, l-UE tkun tista' tippermetti lill-kumpaniji joħolqu aktar impjiegi. Dan huwa l-mod li bih l-UE tingħata dimensjoni soċjali ġenwina u tissolva l-problema tar-rata għolja ta' qgħad.

**Jacek Krawczyk**
President tal-Grupp ta' Min Iħaddem

## Ikompli ma' paġna 3
### Nikkomunikaw flimkien biex nippromovu l-ħidma tal-Kumitat

"Li tkun eżempju mhuwiex biss mod prinċipali kif tinfluwenza 'l oħrajn, huwa l-uniku mod!": din il-kwotazzjoni ta' Albert Schweitzer, ir-rebbieħ tal-Premju Nobel għall-Paċi fl-1952, tinkorpora fiha l-fehmiet tiegħi dwar l-approċċ tal-membri lejn il-komunikazzjoni. Inħeġġeġ kull membru biex jikkomunika kemm fi Brussell (il-KESE jeħtieġ rikonoxximent mill-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament għall-ħidma siewja li jwettaq) kif ukoll lura d-dar (ma' organizzazzjonijiet u ma' persuni li qed jaħdmu fil-prattika). Din hija r-raġuni għalfejn nappoġġja bil-qawwa l-inizjattivi ta' "Going Local" bħala parti mill-impenn tagħna. Aħna ħerqana li naħdmu mal-membri, mas-sezzjonijiet u l-gruppi tal-KESE biex tissaħħaħ din l-inizjattiva.

Ma nistgħux ninsew l-avvenimenti diżastrużi li seħħew fl-Ewropa reċentement ħafna. U meta naħsbu dwar l-attakki li seħħew f'Pariġi fit-13 ta' Novembru, irridu niftakru li kollha kemm aħna qegħdin hawn biex nappoġġaw Ewropa unita, demokratika, imsejsa fuq is-solidarjetà, paċifika u prospera kif ukoll qrib taċ-ċittadini tagħha. Dan huwa l-kontribut tagħna biex tiġi evitata repetizzjoni ta' ġrajjiet traġiċi bħal dawk li seħħew fl-Ewropa.

Għażiż qarrej, bħala l-Viċi President tal-KESE b'enfasi speċjali fuq il-komunikazzjoni, jiena kburi li qed naħdem f'qasam tal-attività tal-Kumitat fejn diġà ninsabu f'pożizzjoni b'saħħitha. Inti tista' torbot ukoll fuq l-isforzi tiegħi biex nitjieb kuljum. Bl-għajnuna ta' dawk kollha involuti, jien se nieħu vantaġġ tal-għodod eżistenti biex ngħin lill-membri jikkomunikaw dwar il-ħidma tal-KESE u, bl-għajnuna tagħkom, biex jiġu żviluppati għodod oħrajn li jkunu aktar effiċjenti.

Ejjew nikkomunikaw flimkien!

**Gonçalo Lobo Xavier**
Viċi President responsabbli għall-Komunikazzjoni

# Proġett pożittiv għall-ġejjieni tax-xogħol

Tul dawn l-aħħar snin, il-politika Ewropea kienet iddominata mill-kriżi u l-isforzi biex tiġi salvata l-euro. Dan l-approċċ kien dejjem aktar iddominat mill-egoiżmu nazzjonali. Dan huwa evidenti fil-kriżi tar-refuġjati attwali, li fir-realtà hija kriżi politika. B'mod kollettiv, l-UE s'issa naqqset milli tindirizza l-isfida tal-fluss ta' refuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra u l-vjolenza.

Jidher li l-ispirtu tan-nazzjonalizzazzjoni mill-ġdid reġa' ħa spinta 'l quddiem u nfirex aktar minħabba l-kriżi.

L-Ewropa issa għandha bżonn proġett pożittiv għall-ġejjieni li jerġa' jiffoka fuq il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tal-persuni.

Għaldaqstant, għandna bżonn nikkunsidraw is-suq tax-xogħol kollu kemm hu, u mhux biss is-suq uniku diġitali u għandhom jiġu żviluppati soluzzjonijiet Ewropej biex ix-xogħol isir ġust u ekwu fil-ġejjieni. Id-diġitalizzazzjoni toffri potenzjal f'dan ir-rigward, iżda biss jekk tkun f'qafas ta' politika tajjeb. L-acquis soċjali jipprovdi pedament għal dan u għandu jiġi żviluppat aktar.

Barra minn hekk, il-proċess neċessarju tat-tisħiħ tal-UEM għandu jiżgura li fl-aħħar din issir aktar soċjali u aktar demokratika. L-iżvilupp ta' unjoni soċjali għandu jkun parti integrali ta' UEM msaħħa, u mhux biss element sekondarju. F'dan ir-rigward jinħtieġu proposti konkreti.

Għaldaqstant, djalogu makroekonomiku madwar iż-żona tal-euro kollha jista' jagħti kontribut deċiżiv għall-iżvilupp soċjali u demokratiku tal-UEM. L-UEM ma tistax tissaħħaħ b'mod ġenwin mingħajr involviment imsaħħaħ tal-imsieħba soċjali.

Aspett ieħor tad-dimensjoni soċjali tal-UEM huwa l-konsolidazzjoni bağitarja tmur id f'id ma' pjan ta' investiment effikaċi biex jiġi ġġenerat id-dħul permezz tat-tkabbir, il-koeżjoni soċjali u s-solidarjetà, biex b'hekk l-inugwaljanzi soċjali li dejjem jiżdiedu ma jipperikolawx l-integrazzjoni ekonomika u l-prosperità tal-Ewropa.

**Gabriele Bischoff**
President tal-Grupp tal-Ħaddiema



Il-Grupp tal-Ħaddiema

# Il-prijoritajiet tal-Grupp ta' Interessi Varji



Il-Presidenza tal-Grupp ta' Interessi Varji

Tmiem l-2015 isib il-KESE msaħħaħ b'40 % ta' membri ġodda għall-mandat ta' ħames snin 2015-2020. Fi ħdan il-Grupp ta' Interessi Varji, in-numru huwa saħansitra ogħla, bi 48 membru ġdid jingħaqdu magħna.

Għalkemm il-Kumitat tagħna se jidħol fl-2016 rienerġizzat, sfortunatament l-UE għaddejja minn sitwazzjoni li tixbah kriżi eżistenzjali. In-nuqqas ta' fiduċja bejn l-Istati Membri jinsab fl-ogħla livelli u huma l-politiki ta' biża' li qed jiddominaw l-ispettru politiku.

Il-fehma tal-Grupp ta' Interessi Varji hija li huwa preċiżament f'dan l-ambjent ta' „tensjoni" politika u ta' nuqqas ta' fiduċja li l-KESE għandu rwol ewlieni x'jaqdi. Fl-aħħar mandat, ikkonċentrajna fuq tliet temi prinċipali: tkabbir sostenibbli u investiment; Ewropa soċjali, sostenibbli u inkluživa; u t-tielet, rwol attiv għas-soċjetà ċivili fil-proċess leġislattiv Ewropew kollu. B'mod kruċjali, id-deċiżjonijiet tagħna u l-azzjonijiet tagħna matul l-aħħar ħames snin fittxew li jkun hemm tmexxija, innovazzjoni u unità.

Matul is-sentejn u nofs li ġejjin għandna nibnu fuq din il-ħidma tajba. Aħna nimmiraw li nagħmlu dan billi jiġu indirizzati suġġetti ġodda u urġenti, fejn il-Grupp tagħna jista' jużа l-kompożizzjoni u n-networks diversi tiegħu biex jinvolvi ruħu maċ-ċittadini Ewropej. Fl-2016 diġà nipprevedu l-esplorazzjoni tar-rwol tal-kultura fl-identità Ewropea, u l-involviment maċ-ċittadini Brittaniċi dwar il-kost u l-benefiċċji ta' ħruġ Brittaniku possibbli mill-UE. Il-prijorità prinċipali tagħna fil-futur qribi hija t-tqegħid tal-KESE fiċ-ċentru ta' din l-Ewropa taċ-ċittadini, l-inkoraġġiment ta' djalogu fil-livell lokali u l-kontribuzzjoni għall-bini mill-ġdid tal-fiduċja fil-politiki Ewropej. Fil-livell tal-Kumitat, dan jista' jinvolvi aktar investiment fl-evalwazzjonijiet tal-politiki u d-diversifikazzjoni mir-rwol „tradizzjonali" tagħna s'issa. Għall-Grupp III speċifikament, dan jista' jinvolvi li nikkonċentraw il-ħidma tagħna fuq oqsma ewlenin ta' politika. Dak li huwa ċert huwa li l-Grupp ta' Interessi Varji se jkompli jinvesti biex iressaq l-"Ewropa" fil-livell lokali permezz ta' varjetà ta' avvenimenti matul il-presidenzi futuri tal-Kunsill tal-UE (li se jkunu f'idejn il-Lussemburgu, in-Netherlands, is-Slovakkja, eċċ.).

Huwa ċert ukoll li meta jiskadi dan il-mandat, aħna għandna nkunu ħallejna marka ċivili ċara warajna!

**Luca Jahier**
President tal-Grupp ta' Interessi Varji

# L-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-Ewropa – Seminars tal-Grupp ta' Min Iħaddem

Il-Grupp ta' Min Iħaddem reċentement kien qed jiffoka fuq diversi aspetti tal-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-Ewropa. Fis-26 u s-27 ta' Ottubru, sar seminar fuq jumejn f'Milan u Bergamo f'kooperazzjoni mal-AICE, Confcommercio, Confindustria u Coldiretti.

Id-dibattitu tal-ewwel jum indirizza r-rwol tal-kummerċ internazzjonali fl-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-Ewropa. Il-parteċipanti ddiskutew il-futur tal-politika kummerċjali tal-UE, ir-rwol tal-Ftehimiet tal-Kummerċ Ħieles u kif l-industrija Ewropea tista' terġa' titqajjem mill-ġdid permezz tal-kummerċ u l-investiment. Saret enfasi partikolari fuq il-konsegwenzi tal-politika kummerċjali futura fuq l-industrija tal-ikel – settur importanti tal-ekonomija Taljana.

Fit-tieni jum, il-parteċipanti ddiskutew ir-rwol tal-innovazzjoni fl-industrijalizzazzjoni mill-ġdid tal-Ewropa. Rappreżentanti minn kumpaniji Taljani ppreżentaw eżempji ta' kif l-innovazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju għas-setturi tal-agrikoltura u tal-kummerċ agrikolu tal-Ewropa. It-tieni grupp ta' esperti ffoka fuq l-Industrija 4.0 u l-implikazzjonijiet tagħha għall-politika tal-industrija tal-UE fil-futur. Il-Grupp ta' Min Iħaddem huwa konvint li l-isfruttar għal kollox tal-potenzjal tal-Internet tal-Oġġetti jipprovdi opportunità unika għall-UE biex timxi 'l quddiem f'termini ta' kompetittività globali. (lj)



Is-seminar tal-Grupp ta' Min Iħaddem f'Bergamo

# Semma' leħnek dwar is-7 Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp

Fis-27 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew organizzaw avveniment fi Brussell biex jippreżentaw ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika li twettqet bħala parti mill-evalwazzjoni *ex-post* tas-7 Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp 2007-2013 (FP7). Il-konsultazzjoni pubblika onlajn, immexxija mill-Kummissjoni minn Frar sa Mejju 2015, ippermettiet li jiġu kkunsidrati firxa wiesgħa ta' fehmiet u mmirat biex tiżgura t-trasparenza tal-proġett ta' evalwazzjoni. Waslu total ta' 202 risposti – 44% mill-organizzazzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ta' riċerka pubblika, 35% mill-individwi, 14% mis-settur privat, 8% mill-ministeri u l-aġenziji, u 4% mill-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju. Waslu separatament xi kontributi addizzjonali bil-miktub minn xi organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati. Il-konsultazzjoni pubblika wriet li kien hemm sodisfazzjon ġenerali bl-FP7, fejn uħud mill-kisbiet ewlenin tiegħu jidhru fiż-żieda fl-eċċellenza, fl-isforzi tiegħu biex tinħoloq ekosistema vibranti ta' innovazzjoni, u fil-kontribut tiegħu għall-ħolqien ta' Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). Ir-riżultati indikaw li kellu l-aktar suċċess fi tliet dimensjonijiet ewlenin tal-valur miżjud tal-UE – l-indirizzar tal-isfidi pan-Ewropej, iż-żieda tal-kompetizzjoni fir-riċerka, u t-titjib tal-mobilità tar-riċerkaturi. Uħud min-nuqqasijiet li ħarġu fid-dieher permezz tal-konsultazzjoni kienu l-ostakli għoljin għad-dħul, is-sejħiet ristretti u l-ammont eċċessiv ta' applikazzjonijiet, enfasi mhux suffiċjenti fuq l-impatt fuq is-soċjetà u l-parteċipazzjoni tal-industrija, u l-piż tal-amministrazzjoni.



© Paradise Picture / Shutterstock.com

L-evalwazzjoni *ex post* tal-FP7 qed titwettaq b'konnessjoni mal-Aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni, li hija mfassla biex tagħti spinta lill-ftuħ u t-trasparenza fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE; ittejjeb il-kwalità ta' liġijiet ġodda permezz ta' valutazzjonijiet aħjar tal-impatt talabbozzi ta' leġislazzjoni u tal-emendi; u tippromovi r-reviżjoni kostanti u konsistenti tal-liġijiet eżistenti tal-UE, sabiex il-politiki tal-UE jilħqu l-għanijiet tagħhom bl-iktar mod effettiv u effiċjenti. (sg)

# L-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol: il-forum speċjalizzat tal-KESE għall-monitoraġġ tal-ħidma fl-UE

***Minn Carlos Trindade, Grupp tal-Ħaddiema, President tal- Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol***

L-Osservatorju tas-Suq tax-Xogħol (LMO) twaqqaf fl-2007 bl-inkarigu li jidentifika u janalizza x-xejriet u l-isfidi tas-suq tax-xogħol, filwaqt li jġib valur miżjud għall-ħidma tas-Sezzjoni SOC u l-KESE.

L-Osservatorju huwa magħmul minn 33 membru, fosthom President u żewġ Viċi Presidenti, jopera fi ħdan is-Sezzjoni SOC u jirrapporta lilha u, bħala regola ġenerali, jittratta kwistjonijiet kumplessi li jitolbu analiżi iżjed fit-tul u bir-reqqa milli huwa possibbli permezz tal-metodu ta' ħidma tas-soltu li jinvolvi l-gruppi ta' studju (Deċiżjoni tal-Bureau tal-KESE tal-10 ta' Lulju 2007, R/CESE 921/2007 rev.).

Is-suq tax-xogħol tal-UE bħalissa qed jiffaċċja żewġ żviluppi kbar fl-istess ħin: l-ewwel nett, il-konsegwenzi immedjati u prattiċi tal-kriżi, li jeħtieġ li jiġu ssorveljati u analizzati; u t-tieni nett, it-tipi l-ġodda tal-okkupazzjoni u l-impjieg iġġenerati mill-progress xjentifiku u tekniku, li jitolbu l-kapaċità li jsir ippjanar proattiv bil-quddiem. Għaldaqstant, l-LMO għandu jiżviluppa pjan ċar ta' azzjoni sabiex ikun jistaq' jwettaq il-kompiti tiegħu bir-reqqa u b'mod effiċjenti.

Għalhekk, jeħtieġ li l-viżjoni strateġika tal-LMO tħaddan dan li ġej:

1. *Diskussjoni dwar il-politika l-ġdida fil-qasam tal-immigrazzjoni legali u l-integrazzjoni tal-immigranti u r-refuġjati fis-suq tax-xogħol;*
2. *Analiżi tal-impatt fuq l-impjieg tat-tranżizzjoni diġitali u t-tranżizzjoni lejn ekonomika b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u li tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ekoloġika;*
3. *Analiżi tas-sitwazzjoni f'dak li jirrigwarda l-impjieg taż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul;*
4. *Riċerka dwar il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fis-suq Ewropew tax-xogħol rigward il-liġi dwar il-kompetizzjoni ġusta bejn in-negozji u l-leġislazzjoni dwar ix-xogħol u dik soċjali fis-seħħ f'kull Stat Membru.*

Il-qagħda speċifika tal-persuni b'diżabbiltà u r-Rom fis-suq tax-xogħol ser tibqa' l-prijorità ta' approċċ trasversali mir-riċerkaturi u atturi oħra fl-inizjattivi futuri.

L-LMO beħsiebu jikkonċentra r-riżorsi u l-għarfien eżistenti tal-membri tal-KESE, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew u esperti oħra mis-soċjetà ċivili fuq dawn il-kwistjonijiet, u jagħmel netwerking sabiex jagħmel l-aqwa użu possibbli mill-għarfien u r-riżorsi: b'hekk, il-konklużjonijiet tiegħu jżgur iġibu valur miżjud konsiderevoli. Dan għandu jsaħħaħ il-ħidma tas-Sezzjoni SOC u jgħin fil-viżibbiltà tal-KESE b'mod ġenerali.

# *Ewropa Intermedjarja fil-qalba tal-Istrateġija UE 2020: inressqu l-Ewropa aktar qrib iċ-ċittadini*

Fit-2 ta' Diċembru, il-Grupp ta' Interessi Varji organizza konferenza dwar il-kooperazzjoni makroreġjonali fil-Lussemburgu intitolata ***Ewropa Intermedjarja fil-qalba tal-Istrateġija UE 2020: inressqu l-Ewropa aktar qrib iċ-ċittadini.*** Il-konferenza ġiet organizzata bi sħubija mal-Parlament Ewropew u saret fil-kamra li qabel fiha kienu jseħħu d-dibattiti tal-PE fil-bini Robert Schuman.

Permezz tal-eżempju tal-*Grande Région* li tgħaqqad reġjuni fil-Lussemburgu, Franza, il-Ġermanja u l-Belġju, il-konferenza, li kienet ippreseduta mill-President tal-Grupp III, Luca Jahier, ipprovdiet opportunità biex jiġu skambjati fehmiet dwar kif l-istrateġiji integrati transkonfinali jistgħu jikkontribwixxu direttament fil-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv.

Il-konferenza laqqgħet flimkien kelliema bi sfondi differenti. Fost oħrajn, il-Grupp III laqa' lil **Nicolas Schmit**, il-Ministru tal-Lussemburgu għax-Xogħol, l-Impjiegi u l-Ekonomija Soċjali u ta' Solidarjetà, u lil **Philippe Ledent**, il-President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-*Grande Région*.

Għal aktar tagħrif dwar il-programm u l-kelliema involuti, jekk jogħġbok żur il-websajt tal-Grupp III: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.group-3-events-and-activities

Wara nofsinhar, il-grupp ittieħed lejn **Esch-sur-Alzette-Belval**, u b'mod aktar speċifiku lejn is-sit "New Belval". Darba kien l-akbar sit ta' xogħol tal-ħadid tal-Lussemburgu u issa huwa wieħed mill-iktar proġetti ambizzjużi ta' żvilupp urban fl-Ewropa – b'karatteristika speċjali ħafna: iż-żamma tal-partijiet tas-sit industrijali ta' qabel.

Matul iż-żjara, il-membri setgħu jaraw u jitgħallmu minn wieħed mill-aħjar proġetti ta' konverżjoni reġjonali fl-Ewropa, li issa joffri akkomodazzjoni għal mhux aktar minn 7 000 persuna minn kull ġenerazzjoni fuq sit bid-daqs ta' 120 grawnd tal-futbol, fejn sa 25 000 persuna jistgħu jaħdmu, jagħmlu r-riċerka u jistudjaw f'Belval. (cl)

## DALWAQT FIL-KESE

### Wirja "Punti ta' qsim tal-fruntieri" / Punti ta' kontroll u bini relatat fil-fruntieri tal-Lussemburgu

Fil-marġini tas-Serata Lussemburgiża tad-9 ta' Diċembru li ġej ser tiġi organizzata l-wirja "Punti ta' qsim tal-fruntieri". Din tikkonsisti f'ritratti, meħuda minn Andrés Lejona, ta' punti ta' qsim tal-fruntieri tal-Lussemburgu u l-pajjiżi li jmiss magħhom.

Din il-wirja, ta' attwalità partikolari fil-preżent meta qed nitkellmu dwar l-għeluq tal-fruntieri minħabba l-immigrazzjoni, ser tkun disponibbli bejn id-9 ta' Diċembru 2015 u l-15 ta' Jannar 2016 fil-bini JDE, fil-Foyer tas-6 sular. (edn)



© Teħid ta' ritratti minn Andrés Lejona

### Avveniment tal-KESE għal Jum id-Diżabilità

Biex jiġi kommemorat il-Jum Internazzjonali għal Persuni b'Diżabilità (3 ta' Diċembru), il-KESE qed jorganizza, f'kooperazzjoni man-NU, il-wiri tad-dokumentarju *El desorden de los sentidos* (Id-diżordni tas-sensi), dwar Antonio, 13-il sena, u Gerardo, 34 sena, it-tnejn li huma b'diżabiltà, li jagħmlu vjaġġ bir-rota tul ir-Rotta ta' Santiago de Compostela flimkien mal-familji tagħhom. L-avveniment, li se jiġi segwit minn dibattitu mal-familji, huwa maħsub biex jgħin titqajjem kuxjenza dwar id-diffikultajiet li jiffaċċjaw persuni b'diżabiltà u l-familji tagħhom fil-ħajja ta' kuljum u l-attivitajiet li jwettqu, u biex jinxteħet dawl fuq in-nuqqas ta' konsiderazzjoni għall-ħtiġijiet tagħhom fis-soċjetà, kif ukoll il-kuraġġ tagħhom u l-ġlieda kostanti biex javvanzaw il-kawża ta' persuni b diżabiltà. Il-wiri tal-film huwa skedat għas-6 p.m. fl-14 ta' Diċembru fl-Atriju 6 tal-bini ewlieni tal-KESE (JDE). (cad/dm)

QE-AA-15-009-MT-N

# UE-Afrika: is-soċjetà ċivili hija lesta li tikkoopera dwar il-kriżi tar-refuġjati

Kooperazzjoni sħiħa mal-pajjiżi Afrikani fl-indirizzar tal-flussi tar-refuġjati fl-UE għandha l-appoġġ unanimu tas-soċjetà ċivili miż-żewġ kontinenti. Madankollu huwa meħtieġ li tittieħed azzjoni issa: *"Pjan ta' azzjoni mhuwiex biżżejjed, huwa importanti li jiġi attrezzat bil-finanzjament meħtieġ u li jittejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni"*.

It-2 laqgħa tan-Netwerk ta' Atturi Soċjoekonomiċi bejn l-UE u l-Afrika fi Brussell fis-27 u t-28 ta' Ottubru ntemmet b'riżoluzzjoni konġunta li tiddeskrivi proposti li prinċipalment iffokaw fuq tliet kwistjonijiet:

- **Il-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja**: Il-miri ewlenin: Finanzjament adegwat, kooperazzjoni aktar mill-qrib, it-twaqqif ta' kurituri umanitarji sikuri u appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jipprovdu assistenza lill-migranti.
- **L-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni**: Il-parteċipanti approvaw l-idea mressqa mill-Kummissjoni ta' *Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza għall-Afrika* bbażat fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u sħubija reali mal-pajjiżi ta' implimentazzjoni.
- **Faċilitazzjoni tal-migrazzjoni u l-mobilità legali:** Id-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà u l-kooperazzjoni reali bejn il-pajjiżi ta' oriġini u ta' destinazzjoni għandhom ikunu l-bażi tal-politiki u l-azzjonijiet ta' migrazzjoni legali.

Aktar tagħrif dwar id-dikjarazzjoni adottata li se tintbagħat lill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-Afrika u tal-UE li se jiltaqgħu fis-Summit tal-Belt Valletta (11-12 ta' Novembru) u dwar il-parteċipanti jista' jinkiseb mill-websajt tagħna: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.events-and-activities-eu-africa-eco-soc-network-02 (sma)

# It-2 Konferenza *Friedensbrot* fil-kuntest tal-kriżi tar-refuġjati

Il-konferenza *Friedensbrot (ħobż tal-paċi)* ta' din is-sena saret f'Poznan, il-Polonja, u kienet organizzata mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u s-Slovenja.

Il-ħobż tal-paċi moħmi b'segala mkabbra f'postijiet ta' sinifikat storiku – pereżempju s-segala Ġermaniża oriġinat minn għalqa żgħira fil-"kuriduri talmewt" fejn qabel kien hemm il-ħajt ta' Berlin, filwaqt li s-segala Pollakka tkabbret f'Suchowola, fejn għex Jerzy Popieluszko, il-qassis li nqatel mill-mexxejja komunisti fl-1984 – tqassam waqt ċerimonja mill-Ministru tal-Agrikoltura Pollakk, Marek Sawicki.

Il-KESE kien rappreżentat mill-membri V. Petersen (Grupp ta' Min Iħaddem, DE), M. Siecker (Grupp tal-Ħaddiema, NL) u K. Kamieniecki (Grupp ta' Interessi Varji, PL), li ħadu sehem fi skambju produttiv ma' varjetà ta' partijiet interessati. L-inizjaturi tal-konferenza – inkluż l-eks-membru tal-KESE, Adalbert Kienle – appellaw lill-Kumitat biex ikompli jappoġġja din l-inizjattiva sinifikanti.

Is-Sur Sawicki enfasizza r-responsabilità tal-Istat kif ukoll tas-soċjetà biex jindirizzaw il-kriżi tar-refuġjati. Peter Bleser, Segretarju Parlamentari fil-Ministeru Federali Ġermaniż tal-Ikel u l-Agrikoltura, saħaq li l-paċi tkun possibbli biss meta l-forzi jingħaqdu flimkien. Għalhekk huwa importanti li ningħaqdu flimkien, ngħinu biex nakkomodaw lir-refuġjati u nindirizzaw il-migrazzjoni mill-għeruq tagħha. (sma)

## FIL-QOSOR

### Il-President Dassis jiltaqa' mal-Viċi President tal-Kummissjoni Timmermans biex jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tal-KESE dwar il-Programm ta' Ħidma

Fl-20 ta' Ottubru, il-President tal-KESE Georges Dassis iltaqa' mal-ewwel Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, Frans Timmermans, biex iressaq ir-rakkomandazzjonijiet tal-KESE dwar il-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Kummissjoni għall-2016.

Il-President tal-KESE talab li jsiru għadd ta' bidliet li l-Kumitat jemmen li ser jagħmlu l-proċess leġislattiv tal-Unjoni Ewropea aktar demokratiku u aktar trasparenti. Is-Sur Dassis spjega li jeħtieġ li jissaħħaħ il-mudell soċjali Ewropew, billi tiġi garantita l-protezzjoni soċjali għall-Ewropej kollha u jiġi stabbilit sett bażiku ta' drittijiet soċjali. Talab ukoll politika ġdida dwar il-migrazzjoni bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà u l-umanità.

Fir-rigward tal-**pakkett ta' leġislazzjoni aħjar**, is-Sur Dassis qal li l-Kumitat għandu jkun involut fl-evalwazzjonijiet ex ante u l-konsultazzjonijiet fuq il-post, billi jiffaċilita d-djalogu soċjali u ċivili mal-imsieħba soċjali, l-NGOs u ċ-ċittadini. Ir-rwol tal-Kumitat fil-Pjattaforma REFIT jeħtieġ li jiġi evalwat mill-ġdid, u b'hekk jippermetti lis-soċjetà ċivili tipparteċipa fil-valutazzjoni politika u jagixxi bħala "xibka ta' sigurtà" kontra l-lakuni jew l-ostakli fil-leġislazzjoni tal-UE. (mm)

### Il-KESE fil-EuroPCom 2015

L-EuroPCom – waħda mill-konferenzi ewlenin għal professjonisti fil-qasam tal-komunikazzjoni mill-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE fl-Ewropa – seħħet fi Brussell fil-21-22 ta' Ottubru 2015. Madwar 95 kelliema u 900 parteċipant ħadu sehem f'din il-konferenza organizzata mill-Kumitat tar-Reġjuni f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE. Din is-sena l-preżenza ta' rappreżentanti miċ-Ċenti ta' Informazzjoni Europe Direct kienet tfisser li l-EuroPCom kienet partikolarment rilevanti għall-approċċ "Going local" tal-KESE.

Taħt it-titolu „No Slogans", l-EuroPCom iffokat fuq l-isfidi ewlenin fil-qasam tal-komunikazzjoni pubblika. Il-Viċi President tal-KESE, is-Sur Lobo Xavier, tkellem fis-sessjoni tal-għeluq u ppreżenta l-approċċ tiegħu għall-komunikazzjoni, filwaqt li s-Sinjura Di Nicolantonio, Kap tal-Unità għal Żjarat u Pubblikazzjonijiet, ippresediet workshop dwar għodod tal-komunikazzjoni edukattivi. Il-KESE ospita wkoll waħda mill-iklijiet ta' netwerking. (ac)




Il-Viċi President Gonçalo Lobo Xavier waqt il-ftuħ tal-Kunċert tal-Karità "l'Europe au Cœur"

### Il-KESE jipparteċipa fil-kunċert „L'Europe au cœur"

Il-Viċi President, is-Sur Gonçalo Lobo Xavier, b'mod konġunt fetaħ il-kunċert tal-karità "L'Europe au cœur" (l-Ewropa f'qalbna) li sar f'BOZAR fi Brussell fid-19 ta' Novembru bħala appoġġ għar-refuġjati. L-avveniment kien koorganizzat mal-Kummissjoni Ewropea, il-BOZAR u l-Goethe Institut. Fl-indirizz tiegħu lil sala ppakkjata fis-sala prinċipali tal-kunċerti, huwa enfasizza l-importanza tal-ħidma tal-Kumitat dwar il-migrazzjoni u ħabbar l-azzjoni li jmiss tal-KESE b'rabta mal-inizjattiva "Going Local" li għandha tittieħed lejn tmiem is-sena u fil-bidu tas-sena d-dieħla. Il-programm artistiku li segwa laqqa' flimkien mużiċisti mill-Greċja, it-Turkija, l-Armenja, il-Marokk u s-Sirja.

Il-fondi miġbura ngħataw lis-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar u l-karità reġistrata Belġjana Give Eur-Hope, asbl. (cad)

### Proġett ta' donazzjoni tal-ikel fil-KESE!

Matul ix-xahar ta' Ottubru, ċerti fdalijiet tal-ikel ma baqgħux jintremew. Minflok jispiċċaw fiż-żibel, kif kien għadu spiss il-każ, il-fdalijiet ġew distribwiti lil persuni li ma għandhomx il-mezz li jipprovdu ikla għalihom infushom: persuni mingħajr dar, mingħajr dokumenti, refuġjati, eċċ. Se tiġi ffirmata konvenzjoni mill-KESE, mill-KtR, misservizz tal-forniment tal-ikel, u minn żewġ assoċjazzjonijiet minn Brussell li huma msieħba f'dan il-proġett u li permezz tagħhom dawn il-fdalijiet se jiġu distribwiti mill-ġdid. Matul il-fażi pilota, id-donazzjonijiet jinkludu sandwiċis u wraps. Dan il-proġett huwa bbażat fuq il-politika ġenerali ta' ġlieda kontra l-ħela tal-ikel immexxija mill-Kumitati. (fda)




© Guschenkova/Shutterstock.com

*Il-KESE Info* hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info

**Editur:**
Alun Jones (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

**Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma:**
Anna Comi (ac)
Caroline Alibert-Deprez (cad)
Chloé Lahousse (cl)
Daniela Marangoni (dm)
Denis Liegeois (dl)
Eleonora Di Nicolantonio (edn)
Fabrizio D'Angelo (fda)
Francisco Soriano (fs)
Leszek Jarosz (lj)
Milen Michev (mm)
Siana Glouharova (sg)
Silvia M. Aumair (sma)

**Koordinazzjoni globali:**
Agata Berdys (ab)

**Edizzjoni magħluqa fit-18 ta' Novembru 2015**

**Indirizz:**
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard,
B-1040 Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Faks (+32 2) 546 97 64
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu
Internet: http://www.eesc.europa.eu/

Il-KESE Info tiġi ppubblikata disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE.
Il-verżjonijiet stampati tal-KESE Info bil-Ġermaniż, l-Ingliż u l-Franċiż jistgħu jinkisbu b'xejn mis-servizz tal-Istampa tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.
Il-KESE Info hija disponibbli wkoll bi 23 lingwa f'verżjoni PDF mis-sit tal-internet tal-Kumitat:
URL: http://www.eesc.europa.eu/?i=portal.en.eesc-info
Il-KESE Info ma tistax titqies bħala r-rapport uffiċjali tal-ħidmiet tal-KESE; għal dawn, jekk jogħġbok irreferi għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew għal pubblikazzjonijiet oħrajn tal-Kumitat.
Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk KESE Info titniżżel bħala s-sors u tintbagħat kopja lill-editur.
Numru ta' kopji stampati: 6500 kopja.
Ħarġa li jmiss: Jannar 2016

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet